MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 18/2013

**Julian Paul Portelli**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:-

1. Illi l-attur jismu Julian Paul Portelli u dejjem juza' dan l-isem.

2. Illi t-twelid tieghu li sehh fil-15 ta' Frar 1971 huwa registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex permezz ta' l-att numru hamsa u sittin zbarra elf disa' mija u wiehed u sebghin (65/1971) (Dokument JP1).

3. Illi l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta’ l-attur huwa skorett fis-sens illi fil-kolonna intestata ismijiet moghtijin u dik intestata isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, l-isem huwa ndikat bhala Julian meta fil-fatt dan proprju kellu jkun Julian Paul.

4. Illi sa minn tfulitu l-attur dejjem kien maghruf bhala Julian Paul kemm mill-familja tieghu kemm mill-iskola u crieki socjali li fihom kien involut u anke fil-professjoni tieghu.

5. Illi dan ukoll jemergi mic-certifikat ta’ maghmudija hawn anness u markat Dokument JP 2.

6. Illi l-attur irid li l-isem jigi korregut b’mod illi jigi jaqbel mar-realta’ u b’mod illi ghalhekk kull fejn jinkorri l-isem Julian dan ghandu jigi sostitwit bl-isem Julian Paul.

7. Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-attur li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq esposti.

Ghalhekk ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru hamsa u sittin zbarra elf disa’ mija wiehed u sebghin (65/1971) relattiv ghat-twelid ta’ l-attur huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid numru hamsa u sittin zbarra elf disa’ mija wiehed u sebghin (65/1971) relattiv ghat-twelid ta’ l-attur billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem Julian, dan ghandu jigi sostitwit u mibdul bl-isem Julian Paul.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament trid issir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza peress illi r-rikorrenti jismu Julian u mhux Julian

Paul, u dan ir-rikors huwa appuntu biex ismu jinbidel minn Julian ghal Julian Paul;

2. Illi dwar il-mertu huwa ma jsib ebda oggezzjoni ghall-bdil tal-isem minn Julian ghal Julian Paul, b'dan illi dan il-bdil ma hux konsegwenza ta' xi zball fl-att civili, izda xewqa da parti tar-rikorrenti biex jinbidel l-isem kif registrat fuq l-att tat-twelid, ghall-isem illi bih ir-rikorrent dejjem kien maghruf. Ghaldaqstant hawn non si tratta minn korrezzjoni tal-att tat-twelid ai termini ta' artikolu 253(1) tal-Kodici Civili, izda talba gudizzjarja ghar-registrazzjoni tal-isem jew ismijiet li r-rikorrenti minn dejjem uza minflok l-isem li jidher fuq l-att tat-twelid relattiv ai termini ta' l-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili. Ghalhekk trid issir korrezzjoni fit-talbiet tar-rikorrenti biex dawn ikunu ai termini ta' artikolu 253(2) u mhux ai termini ta' artikolu 253(1);

3. Illi r-rikorrenti jrid jindika liema kolonni ghandhom jigu emendati. Ghal dan il-ghan ghandu jipproduci certifikat tat-twelid dettaljat (u mhux estratt) u jghid lil din l-Onorabbli Qorti x'tibdiliet qieghed jipproponi b'referenza diretta ghall-informazzjoni ezistenti fuq ic-certifikat;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat il-verbal tallum stess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

It-talba tar-rikorrenti tirrizulta fondata u dan a bazi tad-dokumenti prezentati mill-istess rikorrenti msemmija fir-rikors promotur u minnu ezebiti.

Jirrizulta li m'hemm l-ebda opposizzjoni ghat-talba mressqa mill-intimat.

Illi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut jinghad li jirrizulta mic-certifikat tat-twelid dettaljat li gie ezebit biss fis-seduta tallum li fil-kolonna 'Ismijiet moghtijin' jirrizulta b'mod car li r-rikorrent inghata l-isem ta' Julian Paul u mhux ta' Julian biss. Dan huwa evidenti mill-punteggjatura wzata. Huwa ovvju li fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' tnizzel skorrettement 'Julian'.

Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet inkwantu mhumiex kompatibbli ma' dak hawn deciz mhumiex misthoqqa. Madankollu billi c-certifikat dettaljat gie ezebit biss fis-seduta tallum ma tqisx li l-istess konvenut ghandu jbati xi spejjez.

Tqis ukoll pero' li ma jirrizultax kif sehh dan l-izball.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dan billi :

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru hamsa u sittin zbarra elf disa' mija wiehed u sebghin (65/1971) relattiv ghat-twelid ta' l-attur huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid numru hamsa numru hamsa u sittin zbarra elf disa' mija wiehed u sebghin (65/1971) relattiv ghat-twelid ta' l-attur billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem Julian, dan ghandu jigi sostitwit u mibdul bl-isem Julian Paul.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------